# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Ċitazzjoni Numru: 212/1996 PC**

**Pierre Cauchi;**
**Maria mart Sergio Natoli;**
**Angela mart Simon Theuma; u**
**Antoinette mart Patrick Micallef**
**ilkoll aħwa Cauchi**

**vs**

**John Said;**
**Reverendu Kanoniku Dun Giuseppe Said, u b'digriet tat-2 ta' Jannar 2018, il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq Rev. Kan. Dun Giuseppe Said għal fuq John Said;**
**Joseph Said u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2015, il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq isem Giuseppe Said għal fuq isem martu Concetta sive Connie Said, stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża;**
**Carmelo Said;**
**Maria Said, xebba;**
**Reverendu Kanoniku Dun Pietru Pawl Said u b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2010, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Said minflok Rev. Dun Pietru Pawl Said li miet fil-mori tal-kawża;**
**Maria armla ta' Carmelo Portelli;**
**Angiolina armla ta' Paolo Farrugia; u**
**Dr. Michael Grech li ġie nominat kuratur deputat B'digriet tad-29 ta' Ottubru 1996 sabiex jirrappreżenta lill-imsifrin Salvina mart Joseph Muscat, Giuseppa mart Pasquale Grima; u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2017, il-ġudizzju ġie trasfuż minn fuq Josephine mart Pasquale Grima għal fuq uliedha Carmela mart Giusepp Mifsud,**

**Mary Rose Ħili, Mary Grima, Michael Peter Grima, Joseph Grima u Threresa sive Marthese Grima; stante l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża; Angiolina mart John Davis u Anthony Said u b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1996 John Said ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta lill-imsiefer Anthony Said; u b'digriet tal-20 ta' Novembru 1996, l-inkarigu ta' Dr. Michael Grech pie revokat u Yvonne Attard ġiet nominata Kuratriċi tal-imsiefra Angiolina mart John Davis u Angiolina Farrugia ġiet nominata Kuratriċi tal-imsefrin Salvina mart Joseph Muscat u Giuseppa mart Pasquale Grima**

**Illum it-Tlieta, 20 ta' Novembru 2018**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi fis-sebgħa (7) ta' Ottubru elf disa' mija u ħdax (1911) mietet Angela mart Salvatore Cauchi bint Giovanni Muscat u Rosa nee' Tabone u fil-ħmistax (15) ta' Novembru elf disa' u tlieta u għoxrin (1923) miet zewġha Salvatore Cauchi ibrn il-mejtin Angelo Cauchi u Grazia nee Sultana - Dokumenti A u B;

Illi Salvatore u Angrela ġia' konjuġi Cauchi mietu intestati;

Illi miż-żwieġ tagħhom kellhom sitt (6) ulied u ċioe' Rosa mart Michele Grima, in-Nutar Angelo Cauchi, Rosaria mart Angelo Said; Ganni, Grazzja, u Carmela, xebbiet, u l-wirt tagħhom għadda *ex lege* favur l-imsemmija wlied fil-kwota ta' scsta (1/6) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom;
Illi Rosa mart ta' Michele Grima mietet fit-tnejn (2) ta' April elf disa' mija u wieħed u erbgħin (1941) u din mietet intestata u improle u għalhekk is-sehem tagħha u ċioe' s-sesta parti ndiviża tal-wirt tal-ġenituri tagħha għaddiet favur ħutha l-oħra u ċioe' n-Nutar Angelo Cauchi, Rosaria mart Angelo Said; Ganni, Grazzja u Carmela, xebbiet, fil-kwota ta' trentesima (1/30) parti kull wieħed u waħda minnhom;

Illi n-Nutar Angelo Cauchi miet intestat fil-għoxrin (20) ta' Novembru elf disa' mija u wieħed u erbgħin (1941) u l-wirt tiegħu għadda a favur tal-uniku iben tiegħu n-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi;

Illi Rosaria mart Angelo Said mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar elf disa' mija u ħamsa u erbgħin (1945) u b'testment tagħha tal-għoxrin (20) ta' Frar elf disa' mija u tlieta u erbgħin (1943) – atti tan-Nutar Francesco Gauci - Dokument Ċ – innominat

lis-sitt ulied tagħha bħala eredi universali u proprjetarji assoluti f'porzjonijiet ugwali bejniethom u ċioe' Maria, Grazia, Rosa, xebbiet, Carmela mart Pawlu Portelli, Antonio u Carmelo, u lill-imsemmija uliedhom xebbiet u ċioe' lil Maria, Grazzja, u Rosa ħallitilhom b'legat id-drittijict tagħha kollha mil-lok ta' djar fin-numru tnejn u ħamsin (52), Triq San Blas, Nadur, Għawdex, li huwa wkoll assi in diviżjoni tal-wirt ta' Salvatore u Angela Cauchi;

Illi Carmela mart Paolo Portelli bint il-fuq imsemmija Rosaria Said mietet fit-tmienja (8) ta' Lulju elf disa' mija u ħamsa u erbgħin (1945), intestata u l-eredita' tagħha għaddiet favur l-erbgħa wliedha, u ċioe' l-konvenuti Maria armla ta' Carmelo Portelli, Angiolina armla ta' Paolo Farrugia, Salvina mart Joseph Muscat, u Giuseppa mart Pasquale Grima;

Illi Ganni Cauchi miet ġuvni u improle fit-tlieta (3) ta' Frar elf disa' mija u sitta u erbgħin (1946) u b'testment sigriet magħmul fis-sitta (6) ta' Awwissu elf disa' mija u sitta u tletin (1936) – Dokument D – u li ġie ppubblikat fit-23 ta' Mejju 1946 wara rikors appositu li sar fil-Qorti ta' Għawdex Gurisdizzjoni Volontarja, huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lil oħtu ġermana Carmela Cauchi, xebba;

Illi Grazzja Cauchi, xebba, mietet intestata 1-ewwel (1) ta' Diċembru clf disa' mija u ħamsin (1950) u s-sehem tagħha għadda favur oħtha Carmela Cauchi, xebba; in-Nutar Giuseppe Cauchi iben in-Nutar Angelo Cauchi; u wlied Rosaria Said u ċioe' lil Maria, Grazia, Rosa, xebbiet, Carmela mart Pawlu Portelli, Antonio u Carmelo;

Illi Carmela Cauchi, xebba, mietet fit-tmienja u għoxrin (28) ta Frar elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) u b'testment li għamlet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru elf disa' mija u ħamsin (1950) – Dokument E – innominat bħala eredi tagħha fil-kwota ta' settima (1/7) parti indiviżi kull wieħed lin-Nutar Giuseppe Cauchi iben Angelo, u Antonio Said, Maria, Grazzja, u Rosa xebbiet Said, Carmelo Said, ulied il-mejta Rosaria Said, u settima parti (1/7) indiviża bejn ulied il-mejta Carmela Portelli u ċioe' l-konvenuti Maria armla ta' Carmelo Portelli, Angiolina armla ta' Paolo Farrugia, Salvina mart Joseph Muscat, u Giuseppa mart Paquale Grima;

Illi Grazzja xebba Said mietet fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju elf disa' mija u tnejn u ħamsin (1952) u b'testment tagħha tal-20 ta' Ġunju 1952 – Dokument F – innominat bħala eredi universali tagħha lil oħtha ġermana Rosa xebba Said;

Illi Antonio Said miet fid-disa' u għoxrin (29) ta' Ġunju elf disa' mija u tmienja u ħamsin (1958) u b'testment ħalla eredi tiegħu lill-uliedu l-konvenuti Joseph, Carmelo, Angiolina mart John Davis, Maria, xebba, Rev. Pietru Pawl, aħwa Said;

Illi Rosa xebba Said mietet fit-tlieta (3) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) b'testment li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tal-31 ta' Ottubru 1953 – Dokument G – ħalliet bħala eredi tagħha lil oħtha ġermana Maria xebba Said;

Illi Maria Said mietet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar elf disa' mija u tnejn u sebgħin (1972) u b'testment tagħha li sar fil-31 ta' Ottubru 1953 fl-atti tan-Nutar

Giuseppe Cauchi – Dokument H – ħalliet bħala eredi tagħha lill-konvenuta Maria armla ta' Carmelo Portelli u lil Carmelo Said u ċioe' missier il-konvenuti John Said, Rev. Dun Giusepp Said, u Anthony Said, li miet fit-8 ta' Lulju 1976 u li b'testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tat-3 ta' Lulju 1976 huwa ħalla lil imsemmija tliet uliedu bħala eredi universali tiegħu f'sehem ndaqs bejniethom;

Illi n-Nutar Giuseppe Cauchi miet intestat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju elf disa' u wieħed u disgħin (1991) u wirtuh l-erbgħa wliedu u ċioe' l-atturi Maria mart Sergio Natoli, Antoinette mart Patrick Micallef, Angela mart Simon Theuma, u Pierre, ilkoll aħwa Cauchi;

Illi għalhekk l-assi illi oriġinarjament kienu jappartjenu lil Salvatore Cauchi u lil martu Angela Cauchi u lil uliedhom Rosa Grima, Ganni Cauchi, Grazzja Cauchi u Carmela Cauchi llum jappartjenu kwantu għal terz (1/3) indiviż lill-atturi aħwa Cauchi wlied in-Nutar Giuseppe Cauchi u ċioe' dodiċesima parti (1/12) indiviża kull wieħed u in kwantu għal żewġ terzi (2/3) indiviżi jappartjenu lill-konvenuti bejniethom fil-kwoti hawn taħt indikati:

> John, Rev. Dun Giusepp, u Anton, aħwa Said ulied il-mejjet Carmelo Said għandhom kwota ta' ħamsa minn erba' u ħamsin partijiet (5/54) indiviżi kull wieħed (5/54 x3 = 5/18);
>
> Joseph, Carmelo, Maria, xebba, Rev. Dun Pietru Pawl, u Angiolina mart John David, aħwa Said ulied il-mejjet Antonio għandhom kwota ta' waħda minn ħamsa u erbgħin (1/45) partijiet indiviżi kull wieħed u waħda minnhom (1/45 x 5 = 1/9);
>
> Maria Portelli bint Carmela Said għandha kwota ta' sebgħa minn sitta u tletin partijiet (7/36) indiviżi;
>
> Angiolina Farrugia. Salvina Muscat u Giuseppa Grima, aħwa Said ulied Carmela għandhom kwota ta' waħda minn sitta u tletin partijiet (1/36) indiviżi kull waħda minnhom (1/36 x 3 = 3/36);

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia' eżistenti bejn Salvatore Cauchi u martu Angela Cauchi billi tiddikjara illi kienet tikkonsisti fil-beni illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Taqsam u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda lill-assi ereditarji ta' Salvatore Cauchi u l-oħra lill-assi ereditarji ta' Angela Cauchi;

3. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Salvatore Cauchi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata u assenjata lilu kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra parafernali u sustanzi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Angela Cauchi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata u assenjata lilha kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra parafernali u sustanzi oħra illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Taqsam u tillikwida l-assi ereditarji ta' Salvatore u Angela konjuġi Cauchi sitt porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil assi ereditarji ta' Rosa Grima, in-Nutar Angelo Cauchi, Rosaria Said, Ganni Cauchi, Grazzja, u Carmela xebbiet Cauchi;

6. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Rosa Grima billi tiddikjara illi jikkonsistu f'waħda minn sitt partijiet (1/6) tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha assenjati lilha kif fuq mitlub u f'dawk il-beni l-oħra kollha u sustanzi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmija Rosa Grima f'ħames (5) porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi ereditajiet tal-ħames ħutha l-oħra u ċioe' n-Nutar Angelo Cauchi, Rosaria mart Angelo Said, Ganni Cauchi, Grazzja, u Carmela xebbiet Cauchi;

8. Tillikwida l-assi ereditarji tan-Nutar Angelo Cauchi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'waħda minn sitt (1/6) partijiet tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu assenjati lilu kif fuq mitlub, f'waħda minn tletin parti (1/30) tal-assi ereditarji ta' oħtu Rosa Grima assenjati lilu kif fuq mitlub, u f'dawk il-beni l-oħra kollha illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u tassenja l-assi kollha hekk likwidati lill-assi ereditarji tan-Nutar Giuseppe Cauchi;

9. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Rosaria Said billi tiddikjara illi jikkonsistu f'waħda minn sitt (1/6) partijiet tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha assenjati lilha kif fuq mitlub, f'waħda minn tletin parti (1/30) tal-assi ereditarji ta' oħtha Rosa Grima assenjati lilha kif fuq mitlub, u f'dawk il-beni l-oħra kollha u sustanzi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

10. Tiddividi l-assi ereditarji tal-imsemmija Rosaria Said f'sitt (6) porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil assi ereditarji ta' sitt uliedha u ċioe' Maria, Grazia, Rosa, xebbiet, Carmela Portelli, Antonio, u Carmelo, u tassenja wkoll lill-assi ereditarji ta' Maria, Grazia, u Rosa, xebbiet Said id-drittijiet immobiljari li jispettaw lill-istess Rosaria Said mil-lok ta' djar fin-numru tnejn u ħamsin (52), Triq San Blas, Nadur, Għawdex, li ġew legati lilhom bit-testment tagħha tal-20 ta' Frar 1943 fl-Atti tan-Nutar Francesco Gauci;

11. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Ganni Cauchi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'waħda minn sitt (1/6) partijiet tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tiegħu assenjati lilu kif fuq mitlub, f'waħda minn tletin parti (1/30) tal-assi ereditarji ta' oħtu Rosa Grima assenjati lilu, kif fuq mitlub, u f'dawk il-beni l-oħra kollha u sustanzi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

12. Tassenja l-assi hekk likwidati ta' Ganni Cauchi lill-assi ereditarji ta' oħtu Carmela Cauchi;

13. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Grazzja xebba Cauchi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'waħda minn sitt (1/6) partijiet tal-assi ereditarji ta' kull wieħed mill-ġenituri tagħha assenjati lilha kif fuq mitlub, f'waħda minn tletin parti (1/30) tal-assi ereditarji ta' oħtha Rosa Grima assenjati lilha kif fuq mitlub, u f'dawk il-beni l-oħra kollha u sustanzi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

14. Tiddividi l-assi hekk likwidati ta' Grazzja Cauchi fi tliet partijiet ugwali u tassenjahom waħda lill-assi ereditarji ta' Carmela Cauchi; oħra lill-assi ereditarji tan-Nutar Angelo Cauchi, u oħra lill-assi ereditarji ta' ulied Rosaria Said u ċioe' Maria, Grazzja, Rosa, Carmela mart Pawlu Portelli, Antonio, u Carmelo;

15. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Antonio Said, tiddividi u tassenjahom fi kwoti ta' quinta (1/5) parti kull wieħed lil uliedu u ċioe' l-konvenuti Joseph, Carmelo, Angiolina mart John Davis, Maria, xebba, Rev. Pietni Pawl, aħwa Said;

16. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Grazzja xebba Said u tassenjahom lill-assi ereditarji ta' oħtha Maria Said, xebba;

17. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Rosa xebba Said u tassenjahom lill-assi ereditarji ta' oħtha Maria Said, xebba:

18. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Maria Said, tiddividi u tassenjahom fil-kwoti ta' nofs (1/2) kull wieħed lill-konvenuta Maria armla ta' Carmelo Portelli u lil assi ereditarji ta' Carmelo Said u ċioe' missier il-konvenuti John Said, Rev. Dun Giusepp Said, u Anthony Said;

19. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Carmela Portelli, tiddividi u tassenjahom fi kwoti ta' kwart (1/4) kull wieħed u waħda lil uliedha u ċioe' l-konvenuti Maria armla ta' Carmelo Portelli, Angiolina armla ta' Paolo Farrugia, Salvina mart Joseph Muscat, u Giuseppa mart Pasquale Grima;

20. Tillikwida 1-assi ereditarji ta' Carmelo Said, tiddividi u tassenjahom fi kwoti ta' terz (1/3) kull wieħed lil uliedu u ċioe' l-konvenuti John Said, Rev. Dun Giusepp Said, u Anthony Said;

21. Tillikwida l-assi ereditarji tan-Nutar Giuseppe Cauchi, tiddividi u tassenjahom fi kwoti ta' kwart (1/4) kull wieħed lill-atturi Pierre Cauchi, Maria mart Sergio Natoli, Angela mart Simon Theuma, u Antoinette mart Patrick Micallef;

22. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni u assenjazzjoni fil-jum, ħin, u lok illi jiġu ffissati, u taħtar kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dan listess att;

23. F'każ illi jirriżulta illi l-assi in diviżjoni ma humiex komodament divizibbli tordna il-bejgħ in liċitazzjoni ta' dawn l-istess assi ereditarji.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament maħlufa minn Pierre Cauchi.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti John Said f'ismu proprju u bħala kuratur tal-konvenut imsiefer Anthony Said, u tar-Reverendu Kanonku Dun Giuseppe Said li eċċepew:

1. Illi preliminarjament hemm in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi għal dak li jirrigwarda t-talba numru għoxrin (20) stante li l-konvenuti ma jistgħux jiġu mġiela mill-atturi jaqsmu wirtijiet li fihom l-istess atturi ma għandhom ebda sehem;

2. Illi preliminarjament ukoll l-eċċipjenti ma humiex il-leġittimi kontradittur f'diversi mit-talbiet attriċi li ma jirrigwardawx ishma devoluti fuqhom;

3. Illi għal dak li jirrigwarda l-interess proprju tagħhom, l-eċċipjenti ma jopponux li ssir il-qasma mitluba purche' fl-ewwel lok isiru l-verifik tal-kwoti rispettivi tal-kontendenti u tal-konsistenzi tal-assi in diviżjoni. Infatti l-eċċipjenti għamlu idversi tentattivi għal qasma bonarja liema tentattivi sfaw fix-xejn ċertament mhux minħabba xi nuqqas da parti tagħhom;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess jiġi rilevat li l-interess tal-esponenti huwa limitat għal dawk it-talbiet li jirrigwardaw.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti maħlufa minn John Said.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Said, Carmelo Said, Maria Said, xebba, tar-Reverendu Kanonku Dun Pietru Pawl Said, Angiolina armla ta' Paolo Farrugia, proprio et nomine u ta' Yvonne Attard nomine li eċċepew:

1. Illi huma qatt ma opponew it-talba tal-atturi għad-diviżjoni bonarj tal-assi ereditarji ta' Salvatore Cauchi u Angela Cauchi; anzi huma ġia kienu ftehmu mal-partijiet l-oħra dwar kif għandha ssir id-diviżjoni u l-assenjazzjoni tal-beni favur l-esponenti;

2. Illi l-uniku diverbju illi nqala' kien bejn l-atturi u wħud oħra mill-konvenuti, u kien minħabba dan biss illi l-kuntratt ta' diviżjoni ma ġiex ipubblikat;

3. Ili għaldaqstant salv illi jiġu verifikati il-kwoti, u l-assi in diviżjoni, l-esponenti ma għandhomx oġġezzjoni għat-talbiet attriċi għad-diviżjoni tal-wirt; iżda jsostnu illi huma ma għandhomx ibatu ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti mahlufa minn Joseph Said.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar 1997 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku tas-26 ta' Novembru 1999 minnu maħlufa fit-28 ta' April 2000.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2003 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża fl-ismijiet "Maria Portelli vs Dun Gużepp Said noe." (Ċitaz. 75/1977).

Rat in-Nota tal-atturi tat-23 ta' Marzu 2010 li permezz tagħha ċedew it-talbiet kollha tagħhom ta' din il-kawża, ħlief għall-ewwel ħames talbiet u l-aħħar tnejn.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2010 li bih il-proċess ġie rimess lill-perit tekniku "*sabiex jipproponi pjan ta' qasma li jkun jirrifletti l-kwoti kif indikati fin-Nota tat-23 ta' Marzu 2010.*"

Rat it-tielet relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fit-28 ta' Jannar 2011 u maħlufa minnu fl-20 ta' April 2012 waqt id-deposizzjoni tiegħu in eskussjoni.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit Mizzi ppreżentata fl-1 ta' Ġunju 2012 u minu maħlufa dakinhar stess.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi oriġinarjament talbu l-likwidazzjoni u d-diviżjoni ta' diversi ereditajiet, pero' din ġiet imbagħad limitata għal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-ereditajiet ta' Salvatore u Angela konjuġi Cauchi, ġia axxendenti tal-kontendenti kollha.[1] Il-konjuġi Camilleri mietu ntestati u wirtuhom is-sitt uliedhom: Rosa mart Michele Grima, in-Nutar Angelo Cauchi, Rosaria mart Angelo Said, Ganni, Grazzja u Carmela, xebbiet. Dawn illum huma kollha mejtin u jinsabu rappresentati mill-kondividendi, dixxendenti jew eredi tagħhom.

[1] Ara Nota tal-atturi tat-23.03.2010 a fol. 227 tal-proċess.

Fis-seduta peritali tal-21 ta' Awwissu 1998, ġie verbalizzat li:

"*L-assi li originaw mill-wirt ta' Salvatore Cauchi u martu Angela Cauchi huma dawn:*

1. *Bicca art fabbrikabbli fi Triq il-gdida fi Triq San Blas, Nadur;*

2. *Art imsejha 'ta' Mejnik' tal-kejl ta' cirka 1574m.k.;*

3. *Art imsejha 'tar-Ramla ta' Xordin' tal-kejl ta' cirka 264m.k.;*

4. *Art imsejha 'tal-Hodba' tal-kejl ta' cirka 216m.k.;*

5. *Art isejha 'ta' Dahlet Qorrot'tal-kejl ta' cirka 110m.k.*

6. *Art imsejha 'tas-Sajtun' tal-kejl ta' cirka 112m.k.;*

7. *Art imsejha 'tal-Qorti' tal-kejl ta' cirka 375m.k.;*

8. *Art imsejha 'ta' Koxxina' tal-kejl ta'cirka 190m.k.*

*L-esponenti bl-assietenza ta' surveyor ghamel pjanti ta' kull wahda minn dawn il-proprjetajiet u fornixxa sett ta' pjanti lill-avukati difensuri ghall-verifikażżjoni taghhom skond kif gie miftiehem fis-seduta tat-3 ta' April 1998. Dawn il-pjanti gew verifikati kif ukoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet. Il-kwoti rispettivi tal-partijiet huma hekk:*

*Porzjon No. 1 – 1/3 – 0.333*
*Porzjon No. 2 – 5/18 – 0.277*
*Porzjon No. 3 – 7/36 – 0.194*
*Porzjon No. 4 – 1/9 – 0.111*
*Porzjoni No. 5 – 3/36 – 0.083*

*Peress li l-ishma jridu jitilghu bix-xorti, allura il-porzjonijiet iridu jkunu almenu ta' valur presso a poco l-istess, l-esponetni ihoss li l-proprjeta' ghandha tinqasam bejn erba u mhux bejn hamsa. Ghalhekk l-esponenti qieghed jikkonsidra l-porzjon Nru. 4 u l-porzjon Nru. 5 bhala porzjon wahda. Meta tittella' x-xorti, dan il-porzjon ikun numru 4, Meta l-proprjeta' maqsuma bejn erba tittella' bix-xorti u l-porzjon Nru. 4 jkun stabilit, imbaghad dan il-porzjon Nru. 4 jigi maqsum bejn zewg porzjonijet fi proporzjon ta' 0.11 u 0.083.*"[2]

Sa meta din il-kawża ġiet biex titħalla għas-sentenza dawn il-porzjonijiet kienu jappartjeni lis-segwenti eredi:

Porzjon Nru. 1 (1/3) ~ lill-atturi, ulied il-mejjet Nutar Giuseppe, iben uniku tan-Nutar Angelo Cauchi.

[2] Ara verbal a fol. 434 tal-proċess, recto u tergo.

Porzjon Nru. 2 (5/18) ~ lill-konvenuti Dun Guzepp, John u Anthony ahwa Said.[3]

Porzjon Nru. 3 (7/36) ~ lill-konvenuta Maria Portelli.

Porzjon Nru. 4 (1/9) ~ lill-konvenuti Maria Said, xebba, Concetta Said, armla ta' Joseph, Carmelo Said, u l-ħames ulied tal-mejta Angiolina Davies: Yvonne mart Paul Attard, Maria Antoinette mart Peter Crean; Antoinette mart John Barnes, Anthony u Andrew.

Porzjon Nru. 5 (3/36) ~ lill-konvenuti Angiolina Farrugia, Salvina Muscat, u s-sitt ulied tal-mejta Giuseppa Grima: Carmela mart Guzepp Mifsud, Mary Rose Hili, Mary Grima, Michael Grima, Joseph Grima u Theresa Grima.

Fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża qamu kwistjonijiet dwar l-appartenenza vera ta' xi benefikati li kienu saru fuq l-art li tidħol għaliha minn Triq San Blas, deskritta fin-numru 1 fil-lista tal-beni redatta fil-verbal tas-seduta peritali msemmija hawn fuq.

Bit-testment tagħha tal-20 ta' Frar 1943, Rosaria Said, kienet ħalliet b'titolu ta' legat lil ulieda xebbiet: Grazzja, Maria u Rosa: "*id-drittijet lill-istess testatrici spettanti mil-lok ta' djar fejn it-testatici tabita bil-manrdetta maghha unita tal-kapacita' ta' circa kejla, li qieghed in-Nadur, Gozo, fin-numru tnejn u hamsin (Nru. 52) ta Strada San Blas … u li parti minn dana l'istabili kien gie mibni ma tul l'istess zwieg taghha fuq proprjeta' illi hija kienet hadet b'dota minghand il-genituri taghha fl'occasioni ta l'istess zwieg taghha…*"[4] L-eredi tal-aħwa xebbiet Said jippretendu illi din il-proprjeta' għandha tiġi mifruda mill-beni tal-konjuġi Cauchi li tagħhom qed tintalab id-diviżjoni. Imma apparti li qatt ma ġiet ippreżenta xi kopja ta' dan il-kuntratt ta' dota, u dan x'aktarx għax ma jeżistix, jidher li l-istess testatriċi kienet konxja minn dan. Altrimenti ma kenitx tħalli lil ulieda d-drittijiet tagħha fuq din il-proprjeta', imma addirittura l-proprjeta' tal-istess fond.

Kwistjoni oħra tirrigwarda għorfa li Ganni Cauchi kien bena fuq maqjel li kien jappartjeni lil ġenituri tiegħu, u xi raba fil-lvant tiegħu. L-eredi tiegħu jikkontendu li dan kien ġie dikjarat fid-denunzja tas-suċċessjoni tiegħu bħala parti mill-assi tiegħu.[5] Imkien ma rriżulta li qatt kien sar xi trasfriment mingħand il-ġenituri tiegħu tal-arja tal-maqjel li fuqu bniet din l-għorfa u l-art ta' madwaru. L-anqas jista' jingħad li dawn kienu saru tiegħu bil-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali, għax l-unika prova li xi ħadd kien qed jagħmel pretensjoni fuqha kienet biss din id-denunzja li saret fil-11 ta' Diċembru 1974, meta huwa kien miet fl-1946.[6]

Se mai, l-eredi rispettivi seta' kellhom xi dritt fuq il-valur ta' dawn il-benefikati. Imma f'dan ir-rigwrad baqgħu ma tressqu ebda provi.

---

[3] B' kuntratt ta' donazzjoni, atti Nutar P. G. Pisani tal-24.08.2005, Dun Guzepp Said ttrasferixxa lil ħuħ John sehmu mill-proprjeta' li tidħol għaliha minn Triq San Blas, Nadur (indikata bin-nru. 1 fil-lista tal-beni redatta fil-verbal tal-21.08.1998).

[4] Atti Nutar Francesco Gauci; ara Dok. Ċ a fol. 13 tal-proċess.

[5] Ara kopja tagħha a fol. 460 – 462 tal-proċess.

[6] Ibid.

Kontra dawn il-pretensjonijiet hemm ukoll id-divesri verbali quddiem il-perit tekniku, fejn il-partijiet qablu fuq il-kwoti rispettivi spettanti lilhom u qatt ma saret riserva dwar il-benefikati li ulied il-konjuġi Cauchi setgħu bnew fuq xi parti mill-art ta' Triq San Blas. Apparti l-verbal ġia msemmi hawn fuq, hemm il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Diċembru 2010 fejn il-konvenuti aħwa Said ulied Antonio, u l-aħwa Said ulied Carmelo li rispettivament għandhom 1/9 u 3/36 mill-assi in diviżjoni kien qablu li "*jaccettaw li sehem taghhom jehduh flimkien ghall-fini tad-divizjoni. Il-perit tekniku qed jigi mitlub biex jahmel divizjoni gdida li tirrifletti l-ishma rispettivi minghajr ma jkun hemm il-htiega li ma jkunx hemm ekwiparazzjoni ta' flus.*"[7] Dan il-verbal ġie ffirmat mill-partijet kollha presenti, inklużi l-aħwa Said hawn imsemmija.[8]

L-atturi jgħidu li dan il-verbal kien jikkostitwixxi transazzjoni li allura torbot lill-partijiet.

Imma kif ġie mfisser mill-Prim'Awla:

Huwa paċifiku illi "*perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere" (Kollaz. Vol. X paġna 337). Dan jirrientra fid-definizzjoni li l-ligi stess taghti lill-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili; Kif, imbaghad, insenjat "it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (Kollez. Vol. XLIII P I p 418).*" [9]

A tenur tal-artikolu 1719 tal-Kap. 16, meta transazzjoni jkollha b'oġġett ħwejjeġ immobbli, it-transazzjoni ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.

Għalhekk, fil-każ in eżami, nistgħu ngħidu li bil-verbal quddiem il-perit tekniku tal-10 ta' Diċembru 2010 kien hemm '*acquescenza*'. Kif ifisser il-**Baudry**: "*Vi ha acquescenza quando una delle parti riconosce il diritto dell'altra…*"[10] Anke jekk forsi ma kienx hemm sagrifiċċju reċiproku, kif titlob transazzjoni, permezz ta' dawn il-verbali, il-partijiet presenti, jew kif rappresentati, anke permezz tal-legali tagħhom, rrinunzjaw għal kwalukwe pretensjoni li uħud minnhom seta' kien għad għandhom fir-rigward tad-dota ta' Rosaria Said u l-għorfa ta' Ganni Cauchi, u aċċettaw li kollox jinqasam skont il-kwoti speċifikati. Dawn il-verbali xorta waħda jorbtu lill-partijiet għaliex, kif insibu fil-ġurisprudenza:

"*Huwa risaput illi in judicis qua si contraditur u ghalhekk il-verbal mizmum mir-*Registratur *b'ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha ta' kwazi kuntratt gudizzjarju. Il-verbal li jsir f'isem il-partijiet quddiem il-Qorti bhala transazzjoni tal-kontroversja ta' bejniethom jikkostitwixxi att pubbliku u bhala tali huwa kuntratt. Il-verbal jikkostitwixxi transazzjoni validament*

[7] Ara verbal a fol. 430 recto u tergo
[8] Ibid.
[9] Rev. George Schembri v Igor Moscalenko:9.06.2004 (per Imhallef Philip Sciberras)
[10] Baudry-Lacantinerie: Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: voce DellaTransazione: para 1205, pag. 655

*magħmula b'att pubbliku, bħal ma huwa verbal tal-Qorti, peress li f'verbal simili r-Reġistatur huwa appuntu uffiċjal pubbliku, debitamnet awtorizzat jattribwixxi fidi pubblika lil dan l-att.*"[11]
Hekk ukoll, ġie ritenut illi: "*il quasi contatto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema e i limiti della controversia.*"[12]

Il-perit tekniku, l-A.I.C. Joseph Mizzi, in segwitu għal dawn il-verbali, u kif ġie awtorizzat mill-kondividendi, rrediġa tliet rapporti fejn ippropona pjan ta' qasma f'erba' porzjonijiet skont il-sehem rispettiv ta' kull porzjon. Huwa ħadem fuq qisien u pjanti li kienu ġew ipprovduti mill-A.I.C. Carmelo Borg, li kien ġie imqabbad mill-partijiet f'tentattiv preċedenti għal diviżjoni bonarja.[13] Wara li rriżulta li dawn il-qisien tal-art ta' San Blas ma kenux preċiżi, il-perit tekniku, fuq struzzjonijiet tal-partijiet, għamel rapport addizzjonali bbażat fuq *survey* tal-istess art li kien sar mis-*surveyor* Randolph Camilleri inkarigat għal dan il-fini mill-atturi.[14]

Il-Perit tekniku rrelata li l-art ta' Triq San Blas, Nadur, bil-benefikati li hemm mibnija fuqha, hi komodament diviżibbli. Kif rajna, kienu l-istess partijiet li qablu fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2010 u awtorizzaw lill-perit tekniku biex iħejji pjan ta' qasma ta' din l-art u jiddividiha f'erba' porzjonijet. Huwa paċifiku fil-ġurispudenza li kondividendi għandhom dritt li jieħdu sehemhom mill-ħwejjeġ komuni in natura, u li wieħed għandu jirrikorri biss għal-liċitazzjoni bħala rimedju straordinarju u eċċezzjonali meta d-diviżjoni ma tistax issir komodament u mingħajr diskapitu.[15]

Infatti f'dan ir-rapport il-perit tekniku qasam l-art ta' Triq San Blas,[16] l-unika proprjeta' għall-qasma li tista' tiġi żviluppata, f'erba' *plots* li jirriflettu approssivament is-sehem rispettiv ta' kull Porzjon u li kellhom jiġu assenjati kif ġej:

Plot A b'kejl ta' 370.09m.k. lill-atturi li kellhom il-Porzjon Nru. 1, konsistenti f'1/3 indiviż mill-assi ereditarji;

Plot B b'kejl ta' 308.02m.k. lill-konvenuti li kellhom il-Porzjon Nru. 2, konsistenti f'5/18 indiviż mill-assi ereditarji;

Plot Ċ b'kejl ta' 215.84m.k. lill-konvenuti li kellhom il-Porzjon Nru. 3, konsistenti f'1/9 indiviż mill-assi ereditarji, flimkien mal-Porzjon Nru. 4, konsistenti f'3/36 indiviż mill-assi ereditarji;[17] u

Plot D b'kejl ta' 215.84m.k. ukoll lill-konvenuti li kellhom il-Porzjon Nru. 5, konsitenti f'7/26 indiviż mill-assi ereditarji.[18]

---

[11] P.A. Geranzio Bartolo et v. Angelo Caruana: 11.2.1992; Kollez. vol. LXXVI.iii.645
[12] Kollez. vol. XXVI.i.225; ara wkoll Appell Inf. Carmelo Farugia v. Grezzju Farrugia et.: 16.03.2005
[13] Ara pjanta a fol. 119.
[14] Ara rapport tal-1.05.2012 a fol. 292 – 293.
[15] P.A. Berta Bezzina sive Bartolomea et v. Maria Carmela Dalli: 30.06.2003.
[1616] Ara pjanta Dok. JM 2 a fol. 294.
**[17] N.B. Fil-verbal tal-21.08.1998 dawn il-Porzjonijet kienu ġew indikati bin-Nri. 4 u 5 rispettivament.**
**[18] N.B. Fl-istess verbal, dan il-Porzjon huwa indikat bin-Nru. 3**

Uħud mill-atturi argumentaw li kellha tiġi assenjata lilhom il-parti minn din l-art, bil-benefikati fuqha, li tinsab fil-pussess tagħhon. Imma jinsab deċiż li bħala prinċipju, il-fatt li fond in diviżjoni jkun okkupat minn wieħed mill-ko-proprejtarji, m'għandux jagħtih dritt li jinsisti li dak il-fond jiġi assenjat lilu.[19]

Wara li din l-art ġiet maqsuma b'dan il-mod uħud mill-konvenuti qajmu kwistjoni dwar xi problemi jew diffikultajiet li jista' jkun hemm biex issir id-diviżjoni tagħha kif propost. Imma kif ġie ribadit mill-qrati tagħna: "*Id-dritt ta' kull komproprjetarju li jieħu sehmu in natura m'għandhux jigi mfixkel jew negat b'xi policy li taddotta l-MEPA.*"[20]

Lil kull Porzjon il-perit tekniku assenja ukoll parti mir-raba agrikola, bil-mod segwenti:

**Pozjon Nru. 1:**

(a) ½ jew 775.5m.k. mill-art "ta' Mejnik", l/o Nadur;[21] u
(b) 258 m.k. mill-art "tar-Ramla", l/o Nadur.[22]

**Porzjon Nru. 2:**

(a) ½ jew 775.5m.k. mill-art "ta' Mejnik", l/o Nadur; u
(b) 134m.k. mill-art "ta' Daħlet Qorrot", l/o Nadur.[23]

**Porzjonijiet Nri. 3 u 4 flimkien:**

(a) 447 m.k. mill-art "tal-Hodba", l/o Nadur;[24] u
(b) 179 m.k. mill-art "tas-Sajtun", l/o Nadur.[25]

**Porzjon Nru. 4:**

(a) 192 m.k. mill-art "ta' Koxxina", l/o Nadur;[26] u
(b) 398 m.k. mill-art tal-Qortin", l/o Nadur.[27]

Billi dan ir-raba mhux kollu tal-istess valur, il-perit tekniku qal li trid issir din l-ekwiparazzjoni:

Il-Porzjon Nru. 1 jibqalu jieħu kumpens ta' 79.5 euro;

Il-Porzjon Nru. 2 jibqalu jirrifondi 66.83 euro;

[19] P.A. John Grech v. Anthony Grech: 02.06.2005
[20] P.A. Vincent Camilleri et v. Helen Pavia: 20.03.2003
[21] Ara pjanta a fol. 124
[22] Ara pjanta a fol. 122
[23] Ara pjanta a fol. 129
[24] Ara pjanta a fol. 121
[25] Ara pjanta a fol. 128
[26] Ara pjanta a fol. 130
[27] Ara pjanta a fol. 131

Il-Porzjonijiet Nri. 3 u 4 jibqalhom jirrifondu 97.7 euro; u

Il-Porzjon Nru. 5 jibqalu jieħu kumpens ta' 78.6 euro.[28]

In vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tarax għaliex għandha tvarja dawn il-konklużjonijiet peritali u għalhekk taddotahom u tagħmilhom tagħha wkoll.

Għaldaqstant tiddeċidi dwar it-talbiet attriċi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejn Salvatore Cauchi u martu Angela Cauchi u tiddikjara li din kienet tikkonsisti fl-art fabbrikabbli bil-benefikati ta' fuqha fl-isqaq, li tidħol għalih minn Triq San Blas in-Nadur, Għawdex, u s-seba' biċċiet raba' agrikola ndikati hawn fuq f'din is-sentenza;

2. Tilqa't-tieni talba u taqsam l-assi formanti parti l-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali, li qed jigu assenjati lill-assi ereditarji rispettivi ta' Salvatore Cauchi u martu Angela Cauchi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-assi ereditarji ta' Salvatore Cauchi billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata u assenjata lilu kif hawn indikat;

4. Tilqa' r-raba talba u tillikwida l-assi ereditarji ta' Angela Cauchi billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti likwidata u assenjata lilha kif hawn indikat;

5. Tipprovdi dwar il-ħames talba billi taqsam l-assi ereditarji rispettivi ta' Salvatore Cauchi u Angela Cauchi bejn l-eredi tagħhom fil-porzjonjiet u ishma kif stabiliti f'din is-sentenza a bażi tar-rapport addizzjonali tal-perit tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi;

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet numri sitta, sebgħa, tmienja, disgħa, għaxra, ħdax, tnax, tlettax, erbatax, ħmistax, sittax, sbatax, tmintax, dsatax, għoxrin, u wieħed u għoxrin, billi dawn ġew irtirati fil-mori tas-smiegħ tal-kawża;

7. Tilqa' t-tnejn u għoxrin talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Paul George Pisani sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni u assenjazzjoni nhar is-Sibt 12 ta' Jannar 2019 fl-uffiċċju tiegħu fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m), u lill-avukat Dottor Claire Caruana bħala kuratriċi għall-eventwali kontumaċi fuq dan l-istess att;

8. Tiċħad it-tlieta u għoxrin talba, billi mhux il-każ.

[28] Ara rapport a fol. 293

Billi din hija kawża għad-diviżjoni ta' beni komuni, l-ispejjeż relattivi, inklużi dawk tad-*surveyor* Randolph Camilleri, għandhom jiġu ssoportati mill-kondividendi kollha, skont is-sehem rispettiv tagħhom minn dan il-wirt.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

20.11.2018 – Sup212.1996 – Cauchi Pierre et vs Said John et noe
4945